

Kwestjonarju dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar il-patrimonju ċinematografiku u l-kompetittività ta' attivitajiet industrijali relatati (minn issa 'l quddiem 'Ir-Rakkomandazzjoni')

1. Liema passi ttieħdu biex jitrawwem sfruttar imtejjeb tal-potenzjal industrijali u kulturali tal-patrimonju ċinematografiku Ewropew permezz ta' miżuri sistematiċi ta' konservazzjoni u restawr, notevolment billi jitħeġġu politiki ta' innovazzjoni, riċerka u żvilupp teknoloġiku fil-qasam tal-konservazzjoni u tar-restawr ta' xogħlijiet ċinematografiċi?
2. Liema miżuri leġiżlattivi, amministrattivi jew miżuri xierqa oħra adottajtu intom biex tiżguraw li xogħlijiet ċinematografiċi li jagħmlu parti mill-patrimonju awdjoviżiv tagħhom jiġu miġbura, katalogati, preservati u restawrati sistematikament u li jkunu aċċessibbli għall-użu edukattiv, kulturali, ta' riċerka jew użu ieħor li hu ta' natura simili iżda mhux kummerċjali, fil-każijiet kollha b'mod konformi mad-drittijiet ta' l-awtur u d-drittijiet relatati? Kif tiddefinixxu l-prinċipju li x-xogħlijiet ċinematografiċi jagħmlu parti mill-patrimonju awdjoviżiv tagħkom?
3. Liema huma l-korpi xierqa li nnominajtu (jekk dan huwa l-każ) sabiex iwettqu d-doveri ta' interess pubbliku deskritti fil-punt 2 b'indipendenza u professjonalità, u jiżguraw li jiġu provduti bl-aħjar riżorsi finanzjarji u tekniċi disponibbli? X'inhu il-baġit għall-2007? X'inhu l-istaff tagħhom għall-2007 (jekk jogħġbok iddeskrivi d-data marbuta ma' l-attivitajiet rilevanti jekk isiru attivitajiet oħra).
4. Ħeġġiġtu lill-korpi nominati sabiex jispeċifikaw, bi ftehim jew b'kuntratt mad-detenturi tad-drittijiet, il-kondizzjonijiet li taħthom xogħlijiet ċinematografiċi depożitati jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku?
5. Stabilixxejtu jew appoġġajtu akademiji nazzjonali ċinematografiċi, jew korpi simili bil-għan tal-promozzjoni tal-patrimonju ċinematografiku?
6. Liema kienu l-miżuri li haċtu biex jiżdied l-użu tat-teknoloġiji diġitali u ġodda fil-ġbir, fl-ikkatalogar, fil-preservazzjoni u fir-restawr ta' xogħlijiet ċinematografiċi?

Aktar speċifikament, fir-rigward tal-punti li ġejjin:

1. Ġbir

Liema passi ttieħdu għall-ġbir sistematiku ta' xogħlijiet ċinematografiċi li jagħmlu parti mill-patrimonju awdjoviżiv tagħkom permezz ta' obbligu legali jew kontrattwali għad-depożitu ta' għall-inqas kopja waħda ta' kwalità għolja ta' dawn ix-xogħlijiet ċinematografiċi ma' korpi nominati?

- Ikopru l-produzzjonijiet kollha, fosthom dawk li ma jirċievu l-ebda finanzjament pubbliku? Jekk le, kif jaħdem il-proċess ta' l-għażla?
- Liema huma l-miżuri li ttieħdu biex tiġi żgurata kwalità teknika tajba tax-xogħlijiet ċinematografiċi depożitati (flimkien mal-*metadata* kif jixraq)?

¹ ĠU L 323, 09.12.2005

- Kif tiżguraw li d-depożitu jseħħ meta l-film isir disponibbli għall-pubbliku, u fi kwalunkwe każ mhux iżjed tard minn sentejn wara?

2. *Katalogar u thejjja ta' databases*

Liema miżuri ttieħdu (eż. kodiċi ta' arkivjar tal-produzzjoni tal-films) għall-promozzjoni ta' l-ikkatalogar u l-indiċjar ta' xogħlijiet ċinematografiċi depożitati u sabiex iħeġġu l-ħolqien ta' *databases* li fihom informazzjoni dwar il-films, bl-użu ta' standards Ewropej u internazzjonali?

Liema miżuri ttieħdu għall-promozzjoni ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea u l-interoperabbiltà ta' *databases* ta' filmografija u d-disponibbiltà tagħhom għall-pubbliku, pereżempju, permezz ta' l-internet, speċjalment permezz ta' l-involvement attiv tal-korpi nominati?

- Ikkontribwejt għat-twaqqif ta' netwerk ta' *databases* li jgħaqqad il-patrimonju awdjoviżiv Ewropew flimkien ma' l-organizzazzjonijiet rilevanti, b'mod partikolari l-Kunsill ta' l-Ewropa (l-Eurimages u l-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew)?
- Stedintu lill-korpi ta' l-arkivjar biex jivvalorizzaw l-istokkijiet billi jorganizzawhom f'kollezzjonijiet fil-livell ta' l-UE, per eżempju, skond it-tema, l-awtur u l-perjodu?

3. *Preservazzjoni*

Liema kienu l-miżuri li ttieħdu (leġislattivi jew oħrajn) sabiex tiġi żgurata l-preżervazzjoni ta' xogħlijiet ċinematografiċi depożitati? Il-miżuri ta' preservazzjoni għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

- Ir-riproduzzjoni ta' films fuq mezzi ġodda ta' ħżin;
- Il-preservazzjoni ta' tagħmir għall-wiri ta' xogħlijiet ċinematografiċi fuq mezzi differenti tal-ħżin minn żminijiet oħra.

4. *Restawr*

Liema miżuri ġew adottati sabiex jippermettu, fil-liġijiet tagħhom, ir-riproduzzjoni ta' xogħlijiet ċinematografiċi depożitati għall-iskop ta' restawr filwaqt li jippermettu li d-detenturi tad-drittijiet jibbenefikaw mill-potenzjal industrijali mtejjeb tax-xogħlijiet tagħhom li jirriżulta minn dak ir-restawr abbażi ta' ftehim bejn il-partijiet interessati kollha?

- Kif ħeġġiġtu proġetti għar-restawr ta' films antiki jew films b'valur kulturali jew storiku għoli?

5. *L-aċċessibbiltà, ta' xogħlijiet ċinematografiċi depożitati, għall-użu edukattiv, kulturali, ta' riċerka jew użu ieħor li hu ta' natura simili iżda mhux kummerċjali*

- Adottajt miżuri leġislattivi jew amministrattivi li jippermettu lill-korpi nominati biex jagħmlu xogħlijiet ċinematografiċi depożitati aċċessibbli għall-użu edukattiv,

kulturali, ta' riċerka, jew użu ieħor li hu ta' natura simili iżda mhux kummerċjali, fil-każijiet kollha b'mod konformi mad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati? Jekk jogħġbok agħti d-dettalji tal-miżuri li ttieħdu.

- Ħadtu miżuri biex tiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess għax-xogħlijiet ċinematografiċi depożitati, f'konformità mad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati? Jekk jogħġbok agħti d-dettalji tal-miżuri li ttieħdu.

6. *Taħriġ professjonali u familjarizzazzjoni mal-media*

Liema passi ttieħdu biex jippromwovu t-taħriġ professjonali fl-oqsma kollha relatati mal-patrimonju ċinematografiku sabiex jitravwem sfruttament aħjar tal-potenzjal industrijali tal-patrimonju ċinematografiku?

Liema passi ttieħdu għall-promozzjoni ta' l-użu tal-patrimonju ċinematografiku bħala mod ta' tisħiħ tad-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fil-promozzjoni tad-diversità kulturali?

Liema passi ttieħdu biex jitravwmu u jitħeġġu l-edukazzjoni viżiva, l-istudji ċinematografiċi u l-għarfien tal-midja fl-edukazzjoni fil-livelli kollha, b'mod partikolari fi programmi ta' taħriġ professjonali jew programmi Ewropej, kif stipulat mir-rakkomandazzjoni² tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar il-patrimonju ċinematografiku u l-kompetittività ta' attivitajiet industrijali relatati (minn issa 'l quddiem 'Ir-Rakkomandazzjoni')?

Liema passi ttieħdu għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn produtturi, distributuri u xandara u istituti ċinematografiċi għal skopijiet edukattivi?

7. *Depożitu*

Waqqaftu sistema ta' depożitu volontarju jew obbligatorju ta':

- Materjal anċillari jew pubbliċitarju relatat ma' xogħlijiet ċinematografiċi li jiformaw parti mill-patrimonju awdjoviżiv nazzjonali;
- Xogħlijiet ċinematografiċi li jiformaw parti mill-patrimonju awdjoviżiv nazzjonali minn pajjiżi oħra;
- Materjal ta' stampi li jiċċaqalqu, għajr xogħlijiet ċinematografiċi;

Xogħlijiet ċinematografiċi ta' l-imgħoddi.

8. *Koperazzjoni bejn korpi nominati*

Kif qegħdin tħeġġu u tappoġġaw lill-korpi nominati għal skopijiet ta' skambju ta' informazzjoni u tal-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet tagħhom fil-livelli nazzjonali u Ewropej sabiex per eżempju:

- (a) tiġi żgurata l-koerenza fil-metodi ta' ġbir u konservazzjoni u l-interoperabbiltà ta' *databases*;

² ĠU L 323, 09.12.2005

- (b) jiġu rilaxatti, pereżempju fuq DVDs, materjal mill-arkivji b'sottotitoli f'kemm lingwi ta' l-Unjoni Ewropea huwa possibbli, fil-każijiet kollha f'konformità mad-drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati;
- (ċ) tiġi kkompilata filmografija Ewropea;
- (d) jiġi żviluppat standard komuni għall-iskambju elettroniku ta' informazzjoni;
- (e) jiġu prodotti proġetti ta' riċerka u edukattivi komuni, filwaqt li jippromwovu l-iżvilupp ta' retikolati Ewropej ta' skejjel u mużewijiet ċinematografiċi.